Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

National Book Council
Kumpless Bice Mizzi Vassallo
Triq Arnhem
Pembroke PBK1776
Malta EU

+356 27131574
matthew.borg@ktieb.org.mt

# KONKORS NAZZJONALI TAL-POEŻIJA DOREEN MICALLEF 2023

## Regolamenti

Nirrakkomandaw lill-parteċipanti kollha li jaqraw ir-regoli bir-reqqa qabel ma jdaħħlu l-applikazzjoni tagħhom. Jekk għandek xi mistoqsijiet tista' tiktbilna fuq andrew.ricca@ktieb.org.mt

### Regoli Ġenerali

1. Il-parteċipanti huma mitluba jibagħtu sa poeżija waħda bil-Malti, liema poeżija m'għandhiex tkun itwal minn sitta u tletin (36) vers.

2. F'envelopp wieħed għandhom jintbagħtu bil-posta 4 kopji tal-poeżija stampati fuq karti ta' daqs A4, flimkien mal-formola tal-applikazzjoni mimlija bid-dettalji kollha (l-isem tal-poeżija, il-psewdonimu, l-isem u l-kunjom, l-indirizz, in-numru tat-telefown/mowbajl u l-indirizz elettroniku)

3. Il-poeżija għandha tkun iffirmata biss bi psewdonimu (nom de plume).

4. Is-sottomissjonijiet għal dan il-konkors għandhom jaslu bil-posta lill-*Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, Kumpless Bice Mizzi Vassallo, Triq Arnhem, Pembroke PBK 1776*, sa mhux aktar tard mit-Tnejn 7 ta' Awwissu 2023 f'nofsinhar. Sad-data tal-għeluq ibgħat ukoll kopja tal-poeżija tiegħek permezz tal-formola tal-applikazzjoni onlajn.

5. Tintbagħat imejl ta' konferma lill-applikant ladarba l-applikazzjoni tasal għand il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

6. Is-sottomissjonijiet kollha jiġu kkunsidrati anonimament minn bord ta' ġurija u d-deċiżjoni tal-ġurija hija waħda finali. Il-ġurija tkun komposta minn tliet membri magħżula mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

7. Impjegati tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ma jistgħux jieħdu sehem.

8. Kull min jonqos f'xi waħda minn dawn ir-regolamenti jiġi skwalifikat immedjatament.

## Il-poeżiji

9. Is-sottomissjonijiet kollha huma ġġudikati b'mod anonimu u l-isem tal-poeta m'għandu jidher imkien fuq il-poeżija.

10. Il-poeżiji kollha għandu jkollhom titlu u m'għandhomx jaqbżu sitta u tletin (36) vers (eskluż it-titlu). Il-poeżiji jistgħu jkunu fuq kwalunkwe suġġett.

11. Il-poeżiji għandhom ikunu x-xogħol oriġinali tal-parteċipant.

12. Ix-xogħol sottomess irid ikun oriġinali u qatt ma ġie ppubblikat f'kotba, rivisti, ġurnali, siti, fuq il-midja soċjali, jew kien fost ir-rebbieħa ta' konkorsi oħra qabel il-5 ta' Ġunju 2023.

## Ir-rebbieħa

13. Ir-rebbieħa jitħabbru waqt ċerimonja ta' premjazzjoni matul il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2023.

14. Jiġu ppremjati l-poeżiji kklassifikati fl-ewwel tliet postijiet. L-ewwel poeżija tingħata premju ta' €1,000. It-tieni u t-tielet poeżija jingħataw premju ta' €200 u €100 rispettivament. Il-premjijiet jistgħu ma jingħatawx jekk il-ġurija tqis li ma jkunx intlaħaq il-livell mistenni.

15. Id-drittijiet tal-awtur ta' kull poeżija jibqgħu f'idejn l-awtur. Madankollu, bil-parteċipazzjoni tagħhom fil-konkors, l-awturi tal-poeżiji rebbieħa jagħtu lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb id-dritt li jippubblika u/jew ixandar il-poeżija rebbieħa tagħhom.

National Book Council
Kumpless Bice Mizzi Vassallo
Triq Arnhem
Pembroke PBK1776
Malta EU

+356 27131574
matthew.borg@ktieb.org.mt

# DOREEN MICALLEF NATIONAL POETRY CONTESTS 2023

## Regulations

We recommend that all participants read the contest regulations carefully before submitting their application. If you have any questions you can write to us at andrew.ricca@ktieb.org.mt

### General Rules

1. Participants are are invited to submit up to one poem in Maltese, which should not be longer than thirty-six (36) verses.

2. Submissions should be made by post in one envelope including 4 copies of the poem printed on A4 paper, together with the completed application form including all details (name of the poem, pseudonym, name and surname, address, telephone / mobile number and e-mail address).

3. The poem should only be signed with a pseudonym (nom de plume).

4. Entries for this contest should be sent and received by post to the *National Book Council, Kumpless Bice Mizzi Vassallo, Triq Arnhem, Pembroke PBK 1776*, by no later than Monday 7 August 2023 at 12.00 noon. By the closing date also send a copy poem via the online application form.

5. A confirmation email will be sent to the applicant once the application reaches the National Book Council.

6. All submissions are evaluated anonymously by an adjudication panel and its decision is final. The jury will be composed of three members appointed by the National Book Council.

7. Employees of the National Book Council may not participate.

8. Any participant who fails to comply with any of these regulations will be disqualified immediately.

## The poems

9. All submissions are evaluated anonymously and the poet's name should not appear anywhere on the poem.

10. All poems should have a title and should not exceed thirty-six (36) verses (excluding the title). Poems can be on any subject.

11. The poems should be the original work of the participant.

12. The work submitted must be original and have never been published in books, magazines, journals, websites, on social media, or was among the winners of other competitions before June 5, 2023.

## The winners

13.The winners will be announced at an awards ceremony during the 2023 Malta Book Festival.

14. The poems which rank in the top three will be awarded. The author of the first poem will receive a prize of €1,000. The authors of poems placing in second and third place will receive prizes of €200 and €100 respectively. Prizes may not be awarded if the jury deems that the expected level has not been reached.

15. The copyright of each poem remains with the author, however, by participating in the contest, the authors of the winning poems are giving the National Book Council the right to publish and / or broadcast in other media their winning poem.